MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 257/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi C izzewget lill-konvenut B fit-22 ta’ Marzu 2004;

Li l-konvenut kien abbanduna lill-attrici u telaq minn dawn il-gzejjer;

Illi l-atturi ghandhom relazzjoni, mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri Z fit-20 ta' Gunju 2005, certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala JM1;

Illi fuq l-att tat-twelid tal-minuri Z, il-konvenut qieghed imnizzel bhala l-missier naturali tal-minuri;

Illi l-missier naturali tal-minuri huwa l-attur A u mhux il-konvenut B;

Illi l-konvenut qatt ma kooabita ma' l-attrici bejn it-tlitt mitt u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara li t-tifla bl-isem ta' Z li twieldet mill-attrici Cfit-20 ta' Gunju, 2005, mhix bint l-konvenut kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 2111 (Dok JM1).

2. Tiddikjara li l-attur Ahuwa l-missier naturali tal-minuri Z u tordna l-korrezzjonijiet ta' l-att tat-twelid f'dan is-sens.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmija Z li jgib n-numru ta' Iskrizzjoni 2111, u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Atti tat-Twelid sabiex isem l-konvenut u l-konnotati tieghu ma jidhrux fuq l-Att imsemmi that il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "eta", "fejn twieled", "fejn joqghodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhlu d-dettalji tal-attur A.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuti ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fil-5 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur A ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem "*the said*" jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

4. Illi l-minuri ghandha tkun parti mill-kawza u l-interessi taghha rapprezentanti minn kuraturi deputati.

5. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut baqa' kontumacji.

Rat l-atti processwali, u senjatament l-affidavits ta' l-atturi, omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha attrici fiz-zmien li kienet ghadha mizewga lill-konvenut hija ta' l-attur. Il-konvenut baqa' kontumacji.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deciza fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iz-zmien ma kellhiex x'taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost ohrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili, mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f'dan il-kawza u jidher car li l-attrici nisslet it-tarbija wara li kienet gia' tghix separata minn ma' zewgha.

**Ghal dawn il-motttivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. tiddikjara illi t-tarbija li welldet l-attrici fl-20 ta' Gunju, 2005 u registrata fl-att tat-twelid 2111/2005 m'hijex wild il-konvenut;**

**2. tiddikjara li l-attur A huwa l-missier naturali ta' l-istess tarbija;**

***3.*** **tordna li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid imsemmi indikati fic-citazzjoni u komrpiz dak indikat fin-nota tal-eccezjonjiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien xahar minn meta l-istess**

**konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja ufficjali ta' din is-sentenza;**

**L-ispejjes jithallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------